**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sean Scicluna)**

**Vs**

**Adrian Gafa'**

Kumpilazzjoni Numru: 821/2015

Illum, 15 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Adrian Gafa ta' 41 sena, iben Anthony u Giovanna nee' Grech, imwieled Pieta' fl-24 ta' Lulju 1974 u residenti 41, Triq l-Assunta, Marsa detentur ta' karta tal-identita' 339874(M)

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer; bejn il-25 ta' Settembru 2012 u il-15 ta' Jannar 2013, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' Arriva Malta Limited u/jew Malta Public Transport, liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

II-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liqiiiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu hekk jigi trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-pre-sentencing report.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din giet sodisfacentement ippruvata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reat, il-fedina penali tal-imputat li ghalkemm mhix netta mhix allarmanti kif ukoll qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghad ghandu l-vizzju tad-droga u li jehtieg li dan il-vizzju jeghlbu u inoltre' li minhabba ragunijiet ta' sahha huwa bhalissa m'ghandux impjieg. Tqis li ghandha tigi imposta sentenza ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza kif ukoll ordni ta' supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija li bl-aplikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghal hlas ta' esperti billi ma kienx hemm involuti tal-ispejjez.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma joqghodx ghal ordni ta' supervizjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat